MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Mandat Numru. 64/2012/1

**Waterline Limited (C 5491)**

**vs**

1. **SJ Catering Limited gja Idea Workmate Ltd (C 21968);**
2. **John Bugeja, company director, bin il-mejjet Samuele u Helen nee' Mahoney, imwieled u joqghod Tas-Sliema**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta'Waterline Limited, li permezz tieghu talbet lill-Qorti tohrog mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jittrasferixxi jew b'xi mod jiddisponi l-proprjeta' hemm elenkata.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta ta’ SJ Catering Limited u John Bugeja li, ghar-ragunijiet imfissra, oppona ghall-hrug tal-mandat.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 874 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi bil-ligi, ghalhekk, huwa mehtieg li min jitlob il-hrug ta’ dan il-mandat jipprova zewg affarijiet: l-ewwel li l-istess rikorrenti ghandu prima facie d-drittijiet li jsostni li ghandu u t-tieni li jekk ma jinharigx il-mandat mitlub, l-istess rikorrenti jsoffri pregudizzju. Dawn iz-zewg rekwiziti huma minnhom infushom kumulattivi u mhux alternattivi.

Fil-kaz in ezami, dawn iz-zewg rekwiziti huma sodisfatti, stante li jirrizulta illi l-intimat jidher huwa debitur tar-rikorrenti f’somom konsiderevoli u, jekk jigu trasferiti l-proprjetajiet de quo is-socjeta’ rikorrenti ssofri pregudizzju.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors 64/12 datat 18 ta’ Jannar 2012 u ghall-fini tal-Art. 874(3), tinnomina lin-Nutar Dorianne Arapa biex tesegwixxi r-registrazzjonijiet mehtiega.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------